**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**Seduta tad-Distrett tas-Sliema**

Illum, 2 ta' Ottubru 2024

**Il-Pulizija**
**vs**
**Emmanuel Bonavia**
(Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0017663 (M))

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Emmanuel Bonavia**, iben Grazio u Paula xebba Xuereb, imwieled Pieta', nhar it-22 ta' Diċembru 1962, u residenti fil-fond Arc-En-Ciel, Triq Pietru Caxaru, Naxxar, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0017663 (M), akkużat talli nhar it-23 ta' Novembru 2015 għal ħabta tas-13:45 hrs ġewwa s-sit ta' kostruzzjoni, 'Charella', li jinsab fi Triq il-Kurunell Savona, Sliema:

1. Fuq talba ta' l-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol qed tiġi akkużat talli fil-kapaċita' tiegħek bħala direttur tas-soċjeta' Bonavia Bros Co. Ltd. Illi waqt illi kont qed tagħmel xogħol fuq sit ta' kostruzzjoni sitwat ġol-fond fl-isem 'Charella' Ex Elderly Home, Triq il-Kurunell Savona, Sliema matul il-ġurnata b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tagħkom jew b'nuqqas ta'

tħaris ta' regolamenti weġġajt gravi lil Eugenio Micallef skond kif iċċertifikat minn Dr Mary Rose Cassar Med Reg No. 2310 minn l-Isptar Mater Dei;

2. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li toqtlu jew li tqiegħdu l-ħajja ta' Eugenio Micallef f'periklu ċar ikkaġunajt ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa;

3. Akkużat talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi u/jew fix-xhur ta' qabel inqast milli tħares is-saħħa u s-sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affetwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi nqastu milli tieħdu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġu evitati dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol;

4. Akkużat talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi u/jew fix-xhur ta' qabel inqastu bħala persuna li tħaddmu, li tagħmlu, jew tiżguraw li ssir, evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurta' kollha li jistgħu jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżulta li jikkonċerna l-aspett kollha tal-attivita' tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, inkluż dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskju jirriżulta mix-xogħol imwettaq jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriża;

5. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi u/jew fix-xhur ta' qabel, inqastu, bħala persuni li tħaddmu, tagħżlu persuna waħda li jkollha l-ħeġġa, kapaċitajiet, kompetenza u taħriġ neċessarju sabiex tassistih fit-teħid ta' miżuri meħtieġa fejn tidħol il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u l-prevenzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' fuq ix-xogħol;

6. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi nqast milli tipprovdi u tiżgura li jkun hemm taħt il-kontroll tiegħek fil-ħinijiet kollha sinjali ta' saħħa u, jew ta' sigurta' kif imiss u xierqa, u f'dawk il-każijiet kollha fejn il-periklu ma jistax jiġi evitat jew adegwetament imnaqqas b'teknikalitajiet għall-ħarsien kollettiv jew b'miżuri, metodi jew proċeduri li jintużaw fl-organiżżazzjonijiet tax-xogħol, fejn ir-riskji li jirriżultaw minn dawn il-perikoli ma jistgħux jiġu mnaqqsa adegwatament ħlief permezz ta' twaħħil ta' sinjali xierqa;

7. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkustanzi bħala persuni li tħaddmu nqastu li tiżguraw li f'kull waqt ikun hemm persuni li jagħtu l-ewwel għajnuna skond ma jkun adegwat u xieraq fiċ-ċirkostanzi sabiex tista' tingħata l-ewwel għajnuna lill-impjegati tagħkom jew ikorru jew jimirdu fuq il-post tax-xogħol.

Rat illi fis-seduta tad-disa' (9) ta' Frar 2023, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjarat illi ma għandhiex aktar provi xi tressaq;

Rat illi fis-seduta tal-ħamsa u għoxrin ta' Jannar 2024, id-difiża ddikjarat li m'għandiex aktar provi xi tressaq;

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri datat 9 ta' Marzu 2023 permezz ta' liema proċedura ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta;

Rat ix-xhieda;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Affidavit ta' PS 1033 Sandro Mangion** fejn fih sostna li fit-23 ta' Novembru 2015 għal ħabta tas-13.45hrs, waqt li kien xogħol ġewwa l-Għassa tas-Sliema ġie infurmat permezz ta' telefonta li kien waqa' saqaf ġewwa Triq il-Kurunell Savona, Sliema u weġġgħu xi ħaddiema.

Sostna li huwa mmedjatament mar fuq il-post fejn irriżulta li waqt li tlett ħaddiema kienu qegħdin iqattgħu s-saqaf dan sfronda bil-konsegwenza li tnejn minnhom waqgħu għoli ta' madwar sular. L-imsemmi post huwa l-ex dar tal-anzjani bl-isem 'Charella'.

Il-ħaddiem Hagos Alemeseged Semere detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0109759A għalkemm weġġa ħareġ wahdu mit-tfrik, iżda l-ħaddiem Eugenio Micallef detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0704059M kien għadu maqbud fit-tifrik u kellu biċċiet tal-ġebel u l-konkos fuq saqajh.

Il-ħaddiem li ma weġġax huwa Francis Borg detentur tal-karta tal-identita' 0070659M.

Fuq il-post ġew imsejħa membri tal-protezzjoni ċivili u żewġ ambulanzi fejn dawn ħarġu mit-tifrik lil Eugenio Micallef u ġie meħud immedjatament l-Isptar Mater Dei. Huwa kien ġie iċċertifikat minn Dr. Mary Rose Cassar reg. 2310 li kien qed isofri minn ġrieħi ta' natura gravi.

Il-ħaddiem Hagos Alemeseged Semere għalkemm kien meħud għal kura l-Mater Dei, kien iddeċieda li jitlaq mill-isptar u konsegwentement ma kienx eżaminat mit-tobba.

PS1033 Sandro Mangion sostna li huwa kien informa lill-Awtorita' dwar is-Saħħa u Sigurtà sabiex issir investigazzjoni mill-istess Awtorita' u dan għaliex il-post kien sit ta' kostruzzjoni u post tax-xogħol.

PS1033 Sandro Mangion sostna li fuq il-post tal-inċident huwa kien kellem diversi persuni u kien irriżulta li dawn il-ħaddiema kienu mpjegati mal-kuntrattur Emmanuel Bonavia f'isem il-kumpanija Bonavia Brothers.

2. **It-Tabiba Dr. Mary Rose Cassar** xehdet u kkonfermat li ċ-ċertifikat mediku a fol 8 tal-proċess ħarġitu hi.

Ix-xhud sostniet li skond iċ-ċertifikat mediku hija ċċertifikat lil Eugene Micallef li kien qed isofri minn feriti ta' natura gravi '*għax skont l-eżamijiet li għamilna dakinhar jidher illi kellu fracture rib illi anke kienet għamlitlu puncter fic-chest u that's a form of penetration per dorata għax kellu ksur ta' żewġt irkiekel ta' dahru li normalment jieħdu ċertu ammont ta' żmien biex ifiqu'*.

3. **Norbert Ciappara** xehed li fit-23 ta' Novembru 2015, l-Awtorita' kienet ġiet infurmata li kien ġara aċċident ġewwa s-sit Charella, fi Triq ix-xatt ma triq il-Kurunell Savona, tas-Sliema fejn kien ċeda saqaf.

   Meta marru fuq il-post sabu li kien ċeda saqaf. Minħabba li l-binja kienet perikoluża huma ma setgħux jidħlu ġewwa iżda ttieħdu sett ta' ritratti li ġew miġbuda mix-xhud u mill-kollega tiegħu Charles Farrugia li ġew ippreżentati u mmarkati bħala Dok NC1.

   Ix-xhud sostna li fuq is-sit kienu kellmu lil Emmanuel Bonavia fejn huwa stqarr magħhom li kien għamel tlett ġakkijiet taħt is-saqaf biex jinfurzaw is-saqaf sakemm jaqtgħu s-soqfa mill-ġnub pero sussegwentament dawn ċedew.

   Ix-xhud sostna li huma kienu kellmu wkoll lil project supervisor ċertu Aldo Busuttil. Irriżulta wkoll li l-method statement kien sar mill-Perit Anton Valentino u Aldo Busuttil kien għaddilhom kopja tiegħu.Il-Perit Anton Valentino kien issuġġerixxa li s-saqaf jiġi mirfud b'erba props u mhux bi tlieta.

   Irriżultalu wkoll li Emmanuel Bonavia kien il-kuntrattur u l-ħaddiema kienu mpjegati miegħu.

4. **Charles Farrugia in rappreżentanza tal-OHSA** xehed li fit-23 ta' Novembru 2015 għall-ħabta tas-13.45hrs, l-awtorita' kienu ġew infurmati li seħħ inċident ġewwa l-post Charella, Triq il-Kurunell Savona, Tas-Sliema fejn kienu weġġgħu xi ħaddiema.

   Ix-xhud kien mar fuq il-post u kien irriżultalu li kien ċeda saqaf. Kienu qegħdin jaħdmu tlett ħaddiema. Manuel Bonavia ID: 17663M kien identifika ruħu bħala id-Direttur ta' Bonavia Company Ltd u dawn it-tlett ħaddiema kienu impjegati mal-kumpanija.

   Is-Sur Bonavia spjegalhom li kien qed isir xi xogħol ta' qtugħ ta' saqaf u bħala miżuri ta' sigurta kienu għamlu tlett ġakkijiet.

   Irriżulta li dan ix-xogħol ma kienx qiegħed isir kif kien indikat li kellu jsir skond il-method statement tal-Perit Anton Valentino u dan għaliex skond l-istess method statement kellhom jintużaw erba' ġakkijiet u kellu jintuża himac.

In-kontroeżami x-xhud ikkonferma li l-persuna li suppost kien qiegħed jissorvelja dawn ix-xogħlijiet min-naħa ta' health and safety kien Aldo Busuttil. Dan Aldo Busuttil mar fuq is-sit wara l-inċident.

5. **Nadia Ciappara** ppreżentat il-proċess verbal. Dan fost l-oħrajn kien jinkludi:

   a. **Ir-Relazzjoni tal-espert Pc 405 Jason Schembri** li tikkonsisti f'diversi ritratti meħuda fuq is-sit tal-inċident.

   *b.* **Ir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku A.I.C Richard Aquilina,** fejn fiha sostna li *'Is-saqaf ta' fuq il-kamra ta' l-ewwel sular kellu x-xibka prinċipali tistrieħ fuq il-ħajt parallela miegħu.'*

   *'Il-ħadid li jkun kartabun max-xibka prinċipali huwa ntiż sabiex jikkontrolla x-shrinkage u biex iżomm fil-post il-vireg tax-xibka prinċipali. Għalhekk meta x-xibka prinċipali nqatgħet minn ġol-ħajt tal-appoġġ, is-saqaf ġie jistrieħ fuq ix-xibka sekondarja u billi l-wisgħa tax-xibka huwa 7'0" (2.13m) il-vireg sekondarji ma kienux iwasslu minn ħajt għall ieħor.'*

   ***'F'dan il-każ, is-saqaf kien imissu ġie mirfud permezz ta' travett jew tavlun bil-puntali qabel ma nqatgħet ix-xibka. Fuq il-post dehru biss żewġ puntali.'***

   c. **Ix-xhieda tal-imputat Emmanuel Bonavia** fejn fiha huwa sostna li l-perit żar il-post tax-xogħol xi ġurnata qabel ma ġara l-inċident.

   Ix-xhud sostna li kemm hu u anke l-ħaddiema kienu konxji tal-method statement tal-Perit.

   Sostna li l-ħaddiema kellhom esperjenza ta' twaqqiegħ ta' bini. Huma kienu qegħdin iqattgħu bil-jack hammer. Ix-xhud sostna li meta ħaffer isfel sab li taħt il-madum, ħamrija biss kien hemm u jaħseb li ġara kien li l-ġakkijiet niżlu l-isfel. Fil-fatt il-ħaddiema ma waqgħux b'tisbita għax kieku kienu jweġġgħu aktar.

Sostna li dakinhar tal-inċident, kien hemm tlett ġakkijiet taħt kull saqaf li kienu qed jorbtu s-saqaf.

Sostna li l-metodu tax-xogħol tal-perit kien tajjeb.

Sostna li l-ħaddiema Maltin kienu ilhom jaħdmu xi xahar u nofs f'dik il-binja filwaqt li l-barrani kien ilu jaħdem xi tlett ijiem u kien bi prova.

d. **Ir-Relazzjoni tal-espert tekniku Owen Bonello** fejn fost l-oħrajn sostna li: *'Semere kien liebes hard hat u safety shoes waqt li kien qed jaħdem.* ***Ma kienx liebes ingwanti dak il-ħin'***

*Eugenio stqarr li kull tip ta' għodda li talbu lill-imgħallem, dejjem ipprovdijielhon. Min-naħa l-oħra ma kienx hemm għodda li l-imgħallem ipprovda u l-ħaddiema ma għamlux użu minnha.* ***Eugenio kompla li dan l-inċident seta' jiġi evitat li kieku ntrama saqaf falz taħt is-saqaf li kienu qed iwaqqgħu. Mistoqsi jekk ma Bonavia Bros Ltd, qattx intrama saqaf falz, Eugenio wieġeb fin-negattiv.'***

*'Bħala lbies protettiv Eugenio kien liebes żarbun tas-safety u high visibility vest.* ***Ma kellux harness protettiv filwaqt li s-safety helmets ma kienux milbusa'***

***'Mistoqsi jekk waqt li kienu qed ikissru l-konkos kellhomx xi twavel tal-injam taħt saqajhom, hu wieġeb li ma kellhomx'.***

*'Fil-25 ta' Jannar 2016 l-esponent ħa d-dispożizzjoni tal-Perit Robert Musumeci li stqarr illi hu ġie inkarigat minn ċertu Eddie Zammit bħala l-klijent biex jottjeni permess PA/1205/14.* ***Eventwalment meta' ħareġ il-permess, il-Perit Musumeci ħejja method statement skond kif jirrikjedi il-Building Regulations Act liema method statement kien jindika kif kellu jipprosegwi t-twaqqiegħ. Ġara li l-kuntrattur mqabbad mill-klijent sabiex iwaqqa' l-bini eżistenti u cioe Emmanuel Bonavia ma kienx lest illi jimxi skond l-istruzzjonijiet li kien hemm iċċitati fl-imsemmi method statement u min-naħa tiegħi ma kontx lest li nagħmel kompromessi. Fil-fatt jien avżajt lill-kijent Eddie Zammit li ġaladarba s-Sur Bonavia (il-kuntrattur tat-twaqqiegħ) ma***

***xtaqx jimxi skond dak il-method statement, jien tlabt lil klijent biex nissospendi l-inkarigu u allura jaħtar perit ieħor tal-fiduċja tiegħu. Fil-fatt ġejt infurmat mill-klijent Zammit li kien se jaħtar perit ieħor u cioe' il-Perit Anton Valentino'***

***'Kull ma nista ngħid hu li min-naħa tiegħi xtaqt li jintrama false ceiling waqt it-twaqqiegħ iżda deher li l-kuntrattur xtaq jaħdem mod ieħor. Nista ngħid ukoll li huwa possibli li hemm metodi oħrajn kif wieħed jista' jaħdem biex iwaqqa' l-bini imma jiena ma kontx komdu mingħajr il-false ceiling u kien hawnhekk li deher li ma qbilniex u nfurmajt lill-klijent li ridt nissospendi ruħi. Dan kien f'Settembru tal-2015'.***
*'..l-esponent ħa d-deposiżżjoni ta' Eddie Zammit, li xehed... x'ħin ġejna biex nibdew ix-xogħol, voldieri identifikajna kuntrattur għat-twaqqiegħ ċertu Emmanuel Bonavia u għamilna meeting bejn Water Point Ltd, Emanuel Bonavia, il-Perit Robert Musumeci u Joseph Buhagiar tal-kumpanija DSL Health and Safety Ltd.* ***Waqt dan il-meeting, ma kienx hemm qbil fuq il-method statement... id-diżgwid nista nifhem kien illi min-naħa tal-Perit Musumeci u min-naħa ta' Joseph Buhagiar bdew jinsistu li riedu shutter – saqaf falz mal-binja kollha biex is-soqfa jitwaqqgħu fuqu u Bonavia baqa' jinsisti li dan il-method statement ma kienx possibbli from a working point of view.'***

*'Ġara li l-Perit Musumeci u Joseph Buhagiar irriżenjaw...'*

*'l-inċident seħħ fuq sit tal-kostruzzjoni waqt xogħol ta' twaqqigħ meta tliet ħaddiema bdew jifirdu s-saqaf tal-konkos minn mal-appoġġ tal-ġirien permezz ta' musmar tal-arja (jackhammer) u waqt li dan is-saqaf kien biss mirfud b'żewġ (2) ġakkijiet tas-soqfa u wara li din il-prattika tax-xogħol ġiet ikkonfermata mit-tliet ħaddiema preżenti u dan akkwantu li l- method statement tal-perit Anton Valentino dwar kif ix-xogħol kellu jipprosegwi, kien jgħid li kellhom jintużaw mill-inqas erba' (4) ġakkijiet f'kull kamra. Barra minn hekk, il-fatt li beda jintuża musmar tal-arja, dan jikkontribwixxi għall-element ta' vibrazzjoni fl-istruttura liema struttura kienet nieqsa minn irfid suffiċjenti tas-soqfa eżistenti.*

*Illi s-saqaf li l-ħaddiema bdew jisseparaw minn mal-appoġġ tal-ġirien ċeda tant li l-ħaddiema waqgħu għoli ta' madwar sular u xi ħaddiema ntlaqtu wkoll minn materjal tat-twaqqigħ li waqa' fuqhom u kkaġunalhom feriti gravi.*

e. **Ir-Relazzjoni tat-Tabib Mario Scerri** fejn stqarr li:
*'Illi Eugenio Micallef kien qieghed jagħmel xi xogħol fix-Xarella Home, il-Gżira meta kkollassa saqafu nqabad fit-tifrik u waqa' minn għoli ta' madwar sular'*

*Illi dan ġie trasferit immedjatament l-isptar Mater Dei fejn instab li kellu leżjoni ta' natura gravi'*
*'Illi dawn il-leżjonijiet huma kompatibbli ma waqgħa'*

*'Illi ma kienx hemm leżjonijiet li dehru suspettużi jew estranji għall-waqgħa'*

*'Illi l-kondizzjoni tiegħu baqgħet stabbli, tjiebet u eventwalment dan ġie liċenzjat mill-isptar Mater Dei'*

6. **Il-Perit Richard Aquilina** kkonferma r-rapport tiegħu eżebit bħala dokument RA a fol 25 tal-proċess verbal u kkonferma l-kontenut tiegħu.

7. **Frans Borg** xehed li Emmanuel Bonavia kien bagħthom fuq il-lant tax-xogħol ġewwa Tas-Sliema.

   Ix-xhud sostna li kienu qegħdin iqattgħu bil-jackhammer u x'ħin wasslu f'nofsu s-saqaf sfronda. Huma kienu fit-tieni sular. Ix-xhud sostna li fuq is-saqaf kien hemm tlieta minn nies, fosthom Eugenio Micallef.

   Ix-xhud sostna li ġakkijiet kien hemm tnejn. Kien Emmanuel Bonavia li qalilhom biex ipoġġu żewġ ġakkijiet.

8. **Owen Bonello,** xehed u ikkonferma li huwa kien ġie nominat bħala espert tal-Qorti u kien ħejja relazzjoni li ġiet esebita fil-proċess verbal a fol 45 bħala dokument 'OB'

9. **Aldo Busuttil** xehed li huwa kien Project Supervisor. Huwa sostna li dakinhar tal-inċident huwa kien irċieva telefonata u mar fuq il-post.

   Il-vittma kien diġa ttieħed l-isptar u kien hemm xi uffiċjali tal-OHSA u tal-pulizija.

   Ix-xhud sostna li hu l-aħħar darba li kien spezzjona is-sit kien fit-18 ta' Novembru. Ix-xhud ippreżenta r-rapport li kien ħejja dakinhar tal-inspection, liema rapport kien għaddih lil klijent tiegħu Eddie Zammit li huwa sid il-binja.

   In kontro-eżami x-xhud sostna li fi proċedura tat-twaqqigħ tas-soqfa huma jitolbu l-method and statement tal-perit. Insista li '*structure and solidity hija responsabilita' tal-perit'*.

10. **Joseph Saliba in rappreżentanza ta' Jobs Plus** ippreżenta l-employment history ta' Eugenio Micallef ID 704059 fejn fost l-oħrajn irriżulta li l-istess Eugenio Micallef kien impjegat ma Banovia Bros Co Ltd mit-28 ta' Awwissu 2012 sas-27 ta' Novembru 2016.

11. **PS 1033 Sandro Mangion,** ippreżenta ir-rapport li għamel hu fit-23 ta' Novembru 2015.

12. **Il-Prokuratur Legali Quentin Tanti in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpaniji** ippreżenta dokument li jiċċertifika li skond id-dokumenti reġistrati fi ħdan ir-Reġistru tal-Kumpaniji, d-Direttur ta' din is-Soċjeta' Bonavia Bros. Ltd registration number C 16453 għal perjodu ta' bejn it-23 ta' Novembru 2015 u s-sena preċedenti kien Emmanuel Bonavia li għandu Karta tal-Identita' numru 17663M

Illi d-difiża filwaqt li għamlet diversi kontro-eżamijiet lix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni ressqet is-segwenti provi:

1. **Il-Perit Anton Valentino** xehed li huwa ilu snin twal gradwat bħala perit u llum l-ġurnata huwa rtirat.

Ix-xhud sostna li l-involviment tiegħu kien li bħala perit supervisor huwa kellu jieħu ħsieb it-twaqqigħ tal-bini. Huwa esebixxa rapport li ġie mmarkat bħala DOK AV1, liema rapport kien ġie anke sottomess lil Building Regulation Office.

Ix-xhud sostna li meta seħħ l-inċident is-sulari kienu kważi twaqqgħu kollha u l-ħaddiema kienu qegħdin jaqtgħu s-soqfa bil-jack hammers. Ix-xhud sostna li meta jkunu qegħdin jintużaw il-jack hammers żewġ ġakkijiet kienu biżżejjed.

Ix-xhud sostna li wara l-inċident huwa ma tħallihx jaċċedi fuq is-sit.

In kontro-eżami x-xhud sostna li meta fuq is-saqaf kien hemm ukoll l-excavator kien meħtieġ li jkun hemm erba' props. Pero f'każ li ma jkunx hemm excavator żewġ props huma biżżejjed.

Mistoqsi għalfejn di parti tiegħu ma xtaqx li jsir saqaf falz meta l-Perit li kien se jieħu ħsieb li jsir dan il-proġett kien issuġġerixxa li jsir saqaf falz ix-xhud sostna li s-sistema tiegħu kienet totalment differenti. Ix-xhud sostna li b'saqaf falz il-jacks ma jkunux qegħdin jissaportjaw is-saqaf tal-konkos, iżda jkunu qed jissapportjaw l-injam biss u l-injam se jkun l'isfel. *'Jiġifieri għandek dawn in-nies qed jużaw il-jack hammer, se taqa' biċċa, se jaqgħu magħha'.*

**B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>**

**1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata huma veri.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu pruvati oltre kull dubju raġjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberate. Hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir-raguni".

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem iehor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt".*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu li f'każ ta' reati li joħorġu mill-Liġi Sussidjarja 424.13 li fuqha hija msejsa s-seba' imputazzjoni, mill-Liġi Sussidjarja 424.16 li fuqha hija msejsa s-sitt imputazzjoni u mill-Liġi Sussidjarja 424.18 li fuqhom huma msejsa ir-raba' imputazzjoni u l-ħames imputazzjoni  l-imputat huwa mgħobbi bl-oneru tal-prova biex jiskolpa ruħu minn l-akkużi kontrih

2. **L-Ewwel Imputazzjoni:** *'talli nhar it-23 ta' Novembru 2015 għal ħabta tas-13:45 hrs ġewwa s-sit ta' kostruzzjoni, 'Charella', li jinsab fi Triq ol-Kurunell Savona, Sliema: Fuq talba ta' L-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol qed tiġi akkużat talli fil-kapaċita' tiegħek bħala direttur tas-Soċjeta' Bonavia Bros Co. Ltd. Illi waqt illi kont qed tagħmel xogħol fuq sit ta' kostruzzjoni sitwat ġol-fond fl-isem*

*'Charella' Ex Elderly Home, Triq il-Kurunell Savona, Sliema matul il-ġurnata b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tagħkom jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti weġġajt gravi lil Eugenio Micallef skond kif iċertifikat minn Dr Mary Rose Cassar Med Reg No. 2310 minn l-Isptar Mater Dei'.*

Din il-Qorti tgħaddi sabiex minnufih tiddikjara li ġie ippruvat u ma huwiex kkontestat mill-imputat li l-istess imputat huwa responsabbli mill-Kumpanija magħrufa bħala Bonavia Bros Co. Ltd stante l-fatt li huwa kien Direttur tal-istess Kumpanija.

Ġie ippruvat ukoll li fl-inċident tal-23 ta' Novembru 2015, għal ħabta tas-sagħtejn neqsin kwart ta' wara nofsinhar weġġgħu diversi ħaddiema fosthom Eugenio Micallef. Dawn il-ħaddiema weġġgħu fuq il-lant tax-xogħol ġewwa s-sit ta' kostruzzjoni 'Charella', li jinsab fi Triq il-Kurunell Savona, Sliema.

Ġie ippruvat ukoll li Eugenio Micallef kien impjegat mas-soċjeta' Bonavia Bros Co. Ltd.

Kemm mir-relazzjoni tat-Tabib Mario Scerri u anke mix-xhieda **tat-Tabiba Mary Rose Cassar** u anke miċ-ċertifikat mediku maħruġ mit-tabiba Mary Rose Cassar jirriżulta li Eugenio Micallef sofra ġrieħi gravi.

Illi għalhekk il-Qorti jeħtieġ li tistabbilixxi jekk il-Prosekuzzjoni irnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest fil-liġi, u ċioé mingħajr dubju dettat mir-raġuni, li l-inċident tat-23 ta' Settembru 2015 ġara minħabba nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tal-imputat Emmanuel Bonavia, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti da parti tiegħu.

**Fil-kawża l-Pulizija vs Kevin Ciantar** deċiża fil-11 ta' Jannar 2024 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ngħad li:

> *"Illi l-appellant Kevin Ciantar jinsab akkuzat b'akkuza wahda marbuta mal-Artikolu 226(1)(c) tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti ma tistax ma taghmilx referenza ghall-Artikolu 226(1)(c) tal-Kodici Kriminali, minghajr ma taghmel referenza ghall-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali u dan stante l-fatt*

*li l-Artikolu 226 jaghmel referenza diretta ghall-Artikolu 225. Dan l-ahhar Artikolu jistipula s-segwenti:*

*'225. (1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87).'*

*"Inkwantu ghall-imputazzjonijiet migjuba, din il-Qorti se tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli, B.E &A., A&CE**:*

*"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju, skond l-artikolu 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragini ("negligenza"), jew ta' hila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita`, minn event dannus involontarju.*

*Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu isir il-konfront tal-kondotta effetivament adoperata ma' dik il-persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal- "bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe` ili fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibbilita` normali; kriterju dan li, filwaqt li iservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh flistess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice gran liberta` di valutazione" (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27 p.46).*

*Issir riferenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef** li ghalkemm kien kaz li jirrigwarda incident stradali, l-principji hemmhekk enuncjati xorta jsibu applikazzjoni ghall-procediment odjern:*

*"Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha.*

*Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi iuxta allegata et probate. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew*

*'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.*

*Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.*

*Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.*

***L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.***

*In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.*

*L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid Manzini:- "L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto".*

*Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku –Kap 65, il-High Way Code – Motor Vegicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.'*

*Il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa: "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."*

*Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk: "In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable"*

*L-Antolisei, pero' imur oltre' mill-insenjament tal-Carrara u jqis illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas tal-osservanza tar-regoli tal-*

*komportament, anki jekk levent dannuż ma kienx wieħed prevedibbli u dan għaliex l-osservanza ta 'dawn irregoli iwasslu sabiex l-event dannuz ma iseħħx: "Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti: a) la violazione di una regola; b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare. In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."*

*Il-Qorti, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Mustafa Gohar*** *ghamlet referenza wkoll ghal dak li jghid Antolisei fir-rigward tal-culpa: 'Kif spjiega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid jzomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta ghal xi fini partikolari tista taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cioe l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita partikolari - tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

*Mantovani, Padovani u Fiandaca-Musco jibnu fuq ir-regola tal-Antolisei u jallaċjawha mar-regoli tal-prevedibbilita' u l-inevitibbilta' biex b'hekk il-culpa fil-fehma tagħhom tirrikjedi 1. in-nuqqas t'intenzjoni diretta, 2. rekwiżit oġġettiv li jikkonsisti fil-ksur ta' regola ta' kondotta; 3. rekwiżit suġġettiv, jiġifieri l-abbiltà li tosserva din ir-regola; 4. l-evitabbiltà tal-avveniment permezz tal-konformità ma 'din ir-regola u 5. prevedibbiltà u evitabbiltà, jiġifieri li s-suġġett kellu l-abbiltà jew ilpossibbiltà li jġib ruħu b'mod differenti.*

*Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament komposta fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta` Malta vs Francis Casaletto*** *ingħad illi:*

*"Skond id-dottrina l-intenzjoni hija indiretta meta l-event kien semplicement konsegwenza possibbli ta' l-actus reus, liema event jew ma kienx previst jew kien previst izda mhux mixtieq. Jekk tali event kien previst u minkejja dan l-actus reus kien mixtieq u volontarju allavolja l-konsegwenza ma kinitx mixtieqa, l-intenzjoni indiretta tissejjah posittiva. Jekk, mill-banda l-ohra, l-event possibbli ma kienx la mixtieq imma lanqas previst, l-intenzjoni indiretta tissejjah negattiva .... tammonta ghal negligenza jew casus."*

*Illi f'dan il-kuntest, din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti, ukoll kollegjalment komposta, tat-8 ta' Lulju 2004 fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Salvatore sive Salvu Gauci:***

*'Biex wiehed jara x'kienet l-intenzjoni, wiehed irid jara x'kienu l- fatti - l-att materjali li sar - kif ukoll ic-cirkostanzi li fih sehh dak l- att materjali. Wiehed irid jara x'arma intuzat, kif intuzat, 'il fejn giet indirizzata jew gew indirizzati d-daqqa jew id-daqqiet b'dik l- arma, x'diskors intqal sew qabel, waqt, kif ukoll wara li nghatat id- daqqa jew li nghataw id-daqqiet... Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva - jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att - u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja.'*

*Illi ghaldaqstant, din il-Qorti trid tezamina n-nuqqas ta 'previzjoni tal-effetti dannuzi tal-fattispeci in kwistjoni u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi u cioè jekk l-incident sehhx b'negligenza jew kienx purament incident u cioe' casus. Dan ghaliex fil-mankanza tal-prevedibilità, salv jekk mhux b'diligenza straordinarja, il-ligi ma tesigihx l-effetti dannuzi inkriminabbli, u ma tistax issib htija. In oltre, l-ezami ta' din il-Qorti jestendi ukoll ghal jekk il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaqx b'success u cioè jekk in-ness bejn l-allegat reat u l-imputat giex pruvat sodisfacentement."*

Mill-provi rriżulta li l-inċident seħħ waqt li l-ħaddiema nkluż Eugenio Micallef kienu qegħdin iqattgħu s-saqaf. F'mument minnhom s-saqaf sfronda u Eugenio Micallef spiċċa biex waqa' sular u sab ruħu taħt it-tifrik.

Mill-provi jirriżulta li s-saqaf kien ġie mirfud permezz ta' żewġ ġakkijiet.

Fir-Relazzjoni tiegħu l-Perit Tekniku A.I.C Richard Aquilina, sostna li:
**'F'dan il-każ, is-saqaf kien imissu ġie mirfud permezz ta' travett jew tavlun bil-puntali qabel ma nqatgħet ix-xibka. Fuq il-post dehru biss żewġ puntali.'**

**Mir-Relazzjoni tal-espert tekniku Owen Bonello** jirriżulta li l-vittma Eugenio Micallef sostna **li dan l-inċident seta' jiġi evitat li kieku ntrama saqaf falz taħt is-saqaf li kienu qed iwaqqgħu**

Mid-dispożizzjoni tal-Perit Robert Musumeci jirriżulta **li** l-Perit Musumeci ħejja method statement skond kif jirrikjedi il-Building Regulations Act liema method statement kien jindika kif kellu jipprosegwi t-twaqqiegħ. **Ġara li l-kuntrattur mqabbad mill-klijent sabiex iwaqqa' l-bini eżistenti u cioe l-imputat Emanuel**

**Bonavia ma kienx lest illi jimxi skond l-istruzzjonijiet li kien hemm iċċitati fl-imsemmi method statement.**

**Il-Perit Musumeci kien ried li jintrama saqaf falz waqt it-twaqqiegħ iżda l-imputat Bonavia ma riedx jaħdem b'dan il-mod. Il-Perit Musumeci tant kemm ħass li kien fundamentali li jintrama saqaf falz li huwa kien informa lil klijent tiegħu u cjoe Eddie Zammit li ġaladarba l-imputat Bonavia ma xtaqx jimxi skond il-method statement tiegħu, allura jaħtar perit ieħor tal-fiduċja tiegħu.**

Mid-deposiżżjoni ta' Eddie Zammit, li huwa sid il-binja jirriżulta li meta kien ha jinbeda x-xogħol kien sar meeting bejn rappreżentanti ta' Water Point Ltd, l-imputat Emmanuel Bonavia, il-Perit Robert Musumeci u Joseph Buhagiar tal-kumpanija DSL Health and Safety Ltd. **Waqt dan il-meeting, ma kienx hemm qbil fuq il-method statement. Id-diżgwid kien illi min-naħa tal-Perit Musumeci u min-naħa ta' Joseph Buhagiar bdew jinsistu li riedu shutter – saqaf falz mal-binja kollha biex is-soqfa jitwaqqgħu fuqu u l-imputat Bonavia baqa' jinsisti li huwa ma riedx jarma dan is-saqaf falz'**

Jirriżulta wkoll li wara dik il-laqgħa mhux il-Perit Musumeci biss ma riedx li jkollu x'jaqsam aktar ma dan il-proġett iżda anke Joseph Buhagiar tal-kumpanija DSL Health and Safety Ltd ma riedx li jkollu x'jaqsam aktar max-xogħlijiet ta' dan il-proġett u fil-fatt it-tnejn ma baqgħux joffru s-servizzi tagħhom għal dan ix-xogħol.

Min naħa l-oħra fix-xhieda tiegħu l-Perit Anton Valentino xehed li minkejja li l- method statement tiegħu kien jgħid li kellhom jintużaw mill-inqas erba' (4) ġakkijiet f'kull kamra madanakollu meta seħħ sar l-inċident il-ħaddiema kienu qegħdin jaqtgħu s-soqfa bil-jack hammers. Il-Perit sostna li meta jkunu qegħdin jintużaw il-jack hammers żewġ ġakkijiet kienu biżżejjed.

Din il-Qorti hija konvinta li l-armar ma sarx kif fil-fatt kellu jsir. Din il-Qorti hija konvinta wkoll li tant kemm kien fundamentali li jintrama saqaf falz li meta l-imputat Bonavia baqa' jinsisti li ma riedx jarma dan is-saqaf falz, l-Perit Musumeci u Joseph Buhagiar ma riedux li jibqgħu involuti f'dan il-proġett għaliex mingħajr l-armar ta' saqaf falz, Bonavia kien qed jirriskja bil-kbir li waqt li jkun għaddej b'dawn ix-xogħlijiet iseħħ xi inċident li seta' jkollu (kif fil-fatt kellu) konsegwenzi koroh ħafna.

Illi għalhekk il-Qorti tagħmel id-domanda, setgħa dan l-inċident jiġi prevvist minn persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-bonus pater familias?

Il-Qorti ssostni li Bonavia ngħata parir sa minn qabel ma bdew ix-xogħlijiet li meta jkunu qegħdin jitwaqgħu s-soqfa huwa kellu jarma saqaf falz. Għal raġuni li jafha Bonavia biss, huwa baqa' jinsisti li ma riedx jarma saqaf falz. Bonavia baqa' jwebbes rasu anke meta kien jaf li l-Perit Musumeci u Joseph Buhagiar tant kemm kienu qegħdin jibżgħu li jista jinqala inċident jekk ma jintramax saqaf falz li ħassew il-ħtieġa li lanqas biss jibqgħu joffru s-servizzi tagħhom lil sid il-binja.

Għalhekk din il-Qorti ssostni li dan l-inċident seta' jiġi prevvist minn persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-bonus pater familias.

Il-Qorti ssostni li ladarba l-imputat Bonavia m'aċċettax li jarma saqaf falz kif kien issuġġerit lilu huwa ma għamilx dak kollu mistenni minnu u li kien fil-poter tiegħu sabiex jipprova jevita li jseħħ inċident fejn fih weġġgħu n-nies u saħansitra seta' jkun fatali.

**Għaldaqstant din il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni taħt l-artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

3. **It-Tieni imputazzjoni:** **'***Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li toqtlu jew li tqiegħdu l-ħajja ta' Eugenio Micallef f'periklu ċar ikkaġunajt ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa'*

Illi mil-komparixxi jirriżulta li l-imputat Bonavia qiegħed jiġi akkużat taħt l-artiklu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali jingħad is-segwenti:

*218. (1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin –*

*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*
*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*
*(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.*

*(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.'*

Mill provi prodotti ma jirriżultax li l-vittma Eugenio Micallef sofra xi debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew xi difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ. Lanqas ma jirriżulta li Eugenio Micallef x'aktarx se jsofri minn debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti. Fil-fatt fir-relazzjoni tiegħu t-Tabib Mario Scerri jsostni li l-kondizzjoni ta' Eugenio Micallef baqgħet stabbli, tjiebet u eventwalment dan ġie liċenzjat mill-isptar Mater Dei.

Lanqas ma jirriżulta li kaġun ta' dan l-inċident Eugenio Micallef sofra sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn;

L-artikolu 218(1)(ċ) huwa eskluz għal-raġunijiet ovvji.

**Għaldaqstant din il-Qorti mhix sejra ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.**

4. **It-tielet imputazzjoni:** *'Akkużat talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi u/jew fix-xhur ta' qabel inqast milli tħares is-saħħa u s-sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affetwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi nqastu milli tieħdu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġu evitati dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol'*

Illi a skans ta' repetizzjoni, din il-Qorti ssostni li ladarba l-imputat Bonavia m'aċċettax li jarma saqaf falz kif kien issuġġerit lilu huwa naqas milli jħares is-saħħa u s-sigurta'

ta' l-impjegati u dan billi naqas milli jieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġu evitati dannu fiżiku u korriment fuq il-post tax-xogħol.

**Għaldaqstant din il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li din ġiet sodisfaċentement ippruvata**.

5. **Ir-raba' imputazzjoni:** *'Akkużat talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi u/jew fix-xhur ta' qabel inqastu bħala persuna li tħaddmu, li tagħmlu, jew tiżguraw li ssir, evalwazzjoni xierqa, suffiċenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurta' kollha li jistgħu jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżulta li jikkonċerna l-aspett kollha tal-attivita' tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, inkluż dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskju jirriżulta mix-xogħol imwettaq jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriża'*

   Illi a skans ta' repetizzjoni, din il-Qorti tqis li ladarba l-imputat Bonavia m'aċċettax li jarma saqaf falz kif kien issuġġerit lilu, bħala persuna li jħaddem, naqas milli jagħmel evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li setgħu kienu se jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li setgħu jirriżultaw u li jikkonċerna l-aspett kollha tal-attività tax-xogħol.

   **Għaldaqstant il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

6. **Il-ħames imputazzjoni:** *'Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi u/jew fix-xhur ta' qabel, inqastu, bħala persuni li tħaddmu, tagħżlu persuna waħda li jkollha l-ħeġġa, kapaċitajiet, kompetenza u taħriġ neċessarju sabiex tassistih fit-teħid ta' miżuri meħtieġa fejn tidħol il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u l-prevenzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' fuq ix-xogħol;'*

   Illi kif diġá ngħad, din il-Qorti hija konvinta li l-armar ma sarx kif fil-fatt kellu jsir. Din il-Qorti hija konvinta wkoll li tant kemm kien fundamentali li jintrama saqaf falz li meta

l-imputat Bonavia baqa' jinsisti li ma riedx jarma dan is-saqaf falz, l-Perit Musumeci u Joseph Buhagiar ma riedux li jibqgħu involuti f'dan il-proġett għaliex mingħajr l-armar ta' saqaf falz, Bonavia kien qed jirriskja bil-kbir li waqt li jkun għaddej b'dawn ix-xogħlijiet iseħħ xi inċident li seta' jkollu (kif fil-fatt kellu) konsegwenzi koroh ħafna.

Din il-Qorti, bl-akbar responsabiltà ssostni li meta Bonavia straħ fuq il-work method statement magħmul minn ħaddieħor fejn f'dan l-istess work method statement kien ġie eskluż l-armar ta' saqaf falz, Bonavia għażel persuna li jidher li ma kellhiex il-kapaċita' neċessarja sabiex tassistih fit-teħid ta' miżuri meħtieġa fejn tidħol il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà' fuq il-post tax-xogħol u l-prevenzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' fuq ix-xogħol.

**Għaldaqstant il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

7. **Is-sitt imputazzjoni:** *'Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi nqast milli tipprovdi u tiżgura li jkun hemm taħt il-kontroll tiegħek fil-ħinijiet kollha sinjali ta' saħħa u, jew ta' sigurta' kif imiss u xierqa, u f'dawk il-każijiet kollha fejn il-periklu ma jistax jiġi evitat jew adegwetament imnaqqas b'teknikalitajiet għall-ħarsien kollettiv jew b'miżuri, metodi jew proċeduri li jintużaw fl-organiżżazzjonijiet tax-xogħol, fejn ir-riskji li jirriżultaw minn dawn il-perikoli ma jistgħux jiġu mnaqqsa adegwatament ħlief permezz ta' twaħħil ta' sinjali xierqa;'*

Fin-nota ta' sottomissjoni tiegħu, l-imputat isostni li kif jirriżulta mir-rapport tas-soċjeta' AME Health and Safety Services Limited ingaġġata sabiex tieħu ħsieb is-Saħħa u s-Sigurta' fuq is-sit, is-sit kien mgħammar bis-sinjali ta' saħħa u sigurtà neċessarji. Dan jidher anke mir-ritratti esebiti fir-rapporti.

Din il-Qorti mhux biss taqbel ma' dan l-argument tal-imputat iżda sostni wkoll li l-inċident ma seħħx minħabba li ma twaħħalx xi sinjal xieraq iżda għaliex ma ntramax saqaf falz.

**Għaldaqstant din il-Qorti mhix sejra ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.**

8. **Is-seba' imputazzjoni:** 'Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkustanzi bħala persuni li tħaddmu nqastu li tiżguraw li f'kull waqt ikun hemm persuni li jagħtu l-ewwel għajnuna skond ma jkun adegwat u xieraq fiċ-ċirkostanzi sabiex tista' tingħata l-ewwel għajnuna lill-impjegati tagħkom jew ikorru jew jimirdu fuq il-post tax-xogħol.'

L-imputat isostni li fir-rapport tal-AME Health and Safety Services Limited datat l-1 ta' Ottubru 2015 kien hemm indikat x'kellhom jagħmlu il-ħaddiema f'każ ta' korriment u dan billi f'dan ir-rapport kien hemm indikat li l-ħaddiema kellhom iċemplu lil ambulanza.

Il-Qorti ssostni li dan ma huwiex biżżejjed, f'postijiet tax-xogħol li jkunu qegħdin isiru attivitajiet perikolużi għandu jkun hemm persuni li jkunu kapaċi jagħtu l-ewwel għajnuna jekk ikorri ħaddiem u mhux sempliċiment li l-ħaddiema jiġu nfurmati li f'każ ta' inċident dawn għandhom iċemplu l-ambulanza.

Għaldaqstant din il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

## C. <u>Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>

Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-piena li għandha tiġi inflitta. Dan kien inċident serju li ħalla ħaddiem li kien qed jaħdem sabiex jaqla l-għixien tiegħu ferut fuq il-post tax-xogħol.

Dan l-inċident seta' wassal għal traġedja kbira fejn seta' anke ħasad il-ħajja tan-nies.

L-ebda ħaddiem ma għandu jispiċċa ferut fuq il-post tax-xogħol minħabba negliġenza ta' ħaddieħor.

Li kieku ma kinitx għar-ras iebsa tal-imputat Bonavia, u ntrama' saqaf falz kif kien issuġġerit lilu minn tal-anqas żewġ esperti, dan l-inċident seta' ġie evitat.

Għalkemm dan kien inċident sfortunat, il-Qorti tqis li kieku ma kinitx għar-ras iebsa tal-imputat, dan l-inċident seta' ġie evitat. Il-Qorti tirrikonoxxi li dan l-inċident ma seħħx b'xi ksuħat da parti tal-imputat. Eżempju hawnhekk ma għandniex każ fejn l-imputat kien qiegħed isuq sewqan eċċessiv jew taħt l-effetti tal-alkoħol u tajjar persuna.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-iskop tal-piena ma għandux ikun wieħed ta' tpattija. Il-piena ma għandhiex isservi bħala xi forma ta' vendikazzjoni tas-soċjeta' fil-konfront tal-ħati. Pero il-piena għandha diversi skopijiet fosthom li jiġi ripristinat it-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bil-għemil ta' dak li jkun.

Wara li l-Qorti kkunsidrat li l-imputat ħa diversi prekawzjonijiet oħra (għalkemm seta' għamel ħafna aktar) u wara li kkunsidrat ukoll li ma huwiex persuna li għandu bżonn xi tip ta' riforma tal-karattru tiegħu, l-Qorti jidhrilha li ma għandhiex tinfliġġi piena ta' priġunerija effettiva.

## D. <u>Konkluzjoni</u>

Għal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat Emmanuel Bonavia detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0017663(M) mhux ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u tas-sitt (6) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u minnhom tilliberah, u wara li rat l-artikoli 17, 17(b), 226, 226(1)(b), 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, artikoli 6(1), 6(2) u 38 (3) tal-Att XVII 2000, l-artiklu 9(1) tal-Liġi Sussidjarja 424.18, l-artiklu 4(1) tal-Liġi Sussidjarja 424.16, l-artiklu 5(1) tal-Liġi Sussidjarja 424.13 u l-Artiklu 38(3) tal-Kapitlu 424 tal-Liġijiet ta' Malta ssib lill-imputat Emmanuel Bonavia detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0017663(M) ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u tikkundannah għal piena ta' priġunerija għal żmien sitt (6) xhur u wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-imputat jiġi ttrattat permezz ta' sentenza sospiża, b' dan illi s-sentenza inflitta ma għandiex tibda sseħħ ħlief jekk, waqt il-perjodu ta' sentejn (2) li jibda jgħodd mid-data ta' din l-ordni, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ, u ssibu wkoll ħati tal-tielet (3) imputazzjoni, tar-raba' (4) imputazzjoni, tal-ħames (5) imputazzjoni u tas-seba' (7) imputazzjoni u b'assorbiment tal-piena tal-tielet (3) imputazzjoni, tar-raba' (4) imputazzjoni, tal-ħames (5) imputazzjoni u tas-seba' (7)

imputazzjoni fl-ewwel (1) imputazzjoni skont l-artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ulterjorment tikkundannah għal piena ta' multa ta' ħamest elef ewro (€5,000).

A tenur tal-Artikolu 28(A)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabbilta' tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Fl-aħħar nett bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tordna lil ħati jħallas l-ammont ta' elf u tnejn u għoxrin Ewro u tmienja u tletin ċenteżmu tal-Ewro (€1,022.38c) rappreżentanti spejjez peritali. F'każ li tali ammont jew parti minnu ma jitħallasx għandu jiġi konvertit fi priġunerija ai termini tal-liġi. Għal dan il-għan il-Qorti tordna l-kommunika ta' din is-sentenza lir- Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**
**Josanne Gauci**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM-------------------------------**